**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta’ Mejju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Aaron Schembri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Aaron Schembri, ta’ 28 sena iben Edwin u Natalie nee Galea, imwieled Pieta’ nhar id-9 ta’ jannar 1984, residenti gewwa 102, Whistle, Triq Santa Marija, Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita’ 101584M;

Talli nhar l-24 ta’ Novembru 2012 ghal habta ta’ 12:15 gewwa Triq Dicembru 13, Marsa:

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli ta’ Georgios Stavroppoulos numru tal-passaport A10406757 u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Fiat lewn griz bin-numru ta’ registrazzjoni EBI

616, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 izda anqas minn €1164.67;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna hsara fuq vettura EBI 616 ghad-dannu ta' Gergios Stavroppoulos numru tal-passaport A10406757;

3) U nakkuzah talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4) U nakkuzah talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-publiku xi kliem oxxen jew indicendi.

**Ikkunsidrat;**

Illi dan hu l-kaz klassiku ta' ezempju ta' "road rage". L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru AARON tiela' minn Triq Dicmenru 13 ghall-by pass ta' Hal Qormi, meta pprova jaqla' vettura ohra bin-numru EBI 616, izda din ma resqitx biex l-imputat ikun jista' jkompli jsuq. Inqala' incident bejn iz-zewg sewwieqa, u l-imputat hareg mill-vettura tieghu u volontarjament ghamel hsara fuq il-vettura l-ohra. Sar rapport lill-Pulizija u nbdiet din il-kawza.

Il-Qorti semghet il-verzjonijiet taz-zewg xufiera. Dik ta' Georgios Stavropoulos giet ikkorroborata mix-xiehda ta' Isabella Sultana, li kienet riekba mieghu, u liema verzjoni tinsab ukoll fir-rapport tal-okkorrenza. Dik ta' Schembri giet korroborata minn Audrey Elaine Cassar, li kienet riekba fil-vettura tal-imputat. Fi ftit kliem, iz-zewg verzjonijiet jaqblu li l-vetturi kienu telghin minn Triq Dicembru 13 ser jaqbdu l-mini ta' Sta Venera, izda hemm konflitt ta' provi ghal dak li jirrigwarda l-incident.

Mill-provi prodotti, il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija minn Stavropoulos u Sultana. Il-hsarat li sofriet il-vettura tal-parte civile gew ikkonfermati anke mill-Pulizija li nvestigaw il-kaz, u kienu huma li marru ghamlu rapport. Huma spjegaw kif l-imputat saq vicin hafna taghhom, ipaqpaq il-horn tal-karozza tieghu, u jimmanuvra b'tali mod li beda jissikkahom. Hin minnhom hareg l-imputat u kisser il-mera tal-genb tal-vettura u ta daqqa ta' sieq lill-bieba tal-istess vettura. Huma esebew stima tal-hsarat sofferti fil-vettura.

L-imputat jipprova jimminimizza l-incident billi jghid li kienet il-vettura l-ohra li ghamlet manuvri azzardati u li s-sewwieq taghha qabad joffendi lilu ghal xejn. Il-Qorti, izda, kellha l-opportunita' li tisma' x-xhieda viva voce u tara l-imgieba taghhom fuq il-pedana, u tikkonkludi li Stavropoulos u Sultana huma hafna aktar kredibbli mill-imputat. Anke l-verzjoni ta' Audrey Cassar, li fil-frattemp izzewget lill-imputat, hija verzjoni pjuttost fjakka u tipprova timminimizza l-incident kollu.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jinstab hati ta' hsara volontarja, kif ukoll ta' ksur ta' paci pubblika u kliem oxxen fil-pubbliku. It-tieni u l-hames imputazzjonijiet ma gewx ippruvati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 328, 338(dd), 338(bb), 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u tal-hames imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**